III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2009/175/PESK

tal-5 ta' Marzu 2009

li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Lulju 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq [1], b'implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1483(2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU).

(2) Fit-22 ta' Diċembru 2008, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 1859 (2008) li biha ddeċieda *inter alia* li jestendi sal-31 ta' Diċembru 2009 l-arranġamenti għall-iddepożitar fil-Fond Għall-Iżvilupp tal-Iraq ta' dħul mill-kummerċ tal-esportazzjoni ta' żejt mhux raffinat, prodotti ta' żejt mhux raffinat u gass naturali, u dwar l-immunità minn proċeduri legali ta' ċerti assi Iraqqini, kif imsemmija fir-Riżoluzzjoni 1483 (2003) tal-KSNU u fir-Riżoluzzjoni 1546 (2004) tal-KSNU.

(3) Il-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK għandha għalhekk tiġi emendata.

(4) Hija neċessarja azzjoni mill-Komunità sabiex jiġu implementati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK għandha tiġi emendata kif ġej:

fl-Artikolu 7, it-tieni subparagrafu għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2009.".

Artikolu 2

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha jkollha effett fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Marzu 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ŘÍMAN

[1] ĠU L 169, 8.7.2003, p. 72.